# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 21 ta’ Marzu 2023

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **omissis**, ta’ omissis sena, iben omissis, imwieled omissis, nhar omissis, residenti ġewwa l-fond omissis u detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru omissis u akkużat talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, b’risoluzzjoni waħda:

1. Nhar id- 19 ta’ Marzu 2023 u/jew fix- xhur ta’ qabel ġewwa dawn il-gżejjer, ġab ruhu b’ mod li ta fastidju lil minuri omissis u omissis u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl- istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju lil minuri omissis u omissis u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil minuri omissis u omissis u/jew persuni oħra għal xi att ta' intimità fiżika;

4. U aktar talli fl- istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil minuri omissis u omissis għal xi att, jew imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba ma kienux mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba illi f' każ ta' ħtija l-imputat jiġi trattat bħala reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta ai terminu tal-artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta favur omissis u omissis.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-

proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat huwa impjegat bħala uffiċjal tas-sigurtà ma' ażjenda lokali u l-parte ċivile huma żewġ ħaddiema li kultant imorru jagħmlu xi xogħol klerikali ma din l-azjenda. Jirriżulta illi f'okkażjonijiet differenti li jirrisalu sa' Jannar 2023 sal-20 ta' Marzu 2023, l-akkużat beda jitkellem b'mod indiċenti mal-vittmi u f'xi drabi anke staqsihom biex jfittxu materjal pornografiku għalih fuq it-telefon ċellulari tiegħu. Hu kien ikellimhom individwalment u mhux fil-preżenza ta' xulxin. Irrappurtaw li ġieli kien ikellimhom mill-viċin ħafna tant li ma kienux iħossuhom komdi peress li qed jinvadi l-ispazju tagħhom. Darba minnhom hu saħansitra mess dahar waħda mill-vittmi. L-akkużat stqarr mal-pulizija li vera qal xi kliem indiċenti ma waħda mill-vittmi u li l-oħra kienet hi stess li qabdet ċerta diskors miegħu ta' natura sesswali. Ammetta li kien qed ifittex ċerta materjal pornografiku iżda ċaħad li hu staqsihom ifittxu materjal pornografiku għalih peress li kien jaf ifittxu hu. Hu stqarr li dan id-diskors kien isir f'ambitu ta' ċajt fejn il-vittmi stess kienu jkomplu miegħu.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tagħmilha ċara lil dan it-tip ta' komportament versu kollegi jew persuni oħra m'huwiex tollerabbli fis-soċjetà tal-lum. Għalkemm l-akkużat stqarr li dan id-diskors kien isir b'ċajt, huwa ovvju li l-vittmi ma kienux qed iħossuhom komdi jew kuntenti b'dan l-aġir da parti tiegħu. Irrispettivament miċ-ċirkostanzi ta' min beda jew min kompla, l-akkużat kien imissu jagħraf li dan l-atteġġjament m'huwiex dinjituż għal persuna ta' l-età tiegħu u kien ikun aħjar kieku minflok beda, jew kompla, dan l-atteġġjament, waqqafhom milli jkomplu b'dan id-diskors. Kieku għamel hekk, kieku ma kienx jidher quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

Illi min-naħa tiegħu, l-akkużat ammetta t-twettiq ta' dawn ir-reati mal-ewwel u kkowopera bi sħiħ mal-Pulizija. Ammetta wkoll fl-istadju bikri ta'dawn il-proċeduri. Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti temmen li l-akkużat għandu bżonn direzzjoni dwar liema aġir huwa permissibbli fis-soċjetà tal-lum u liema aġir m'għadux aċċettabbli. Il-Qorti semgħet li qabel ma beda jaħdem mal-azjenda fejn jaħdem illum, huwa kien jaħdem bħala security f'paceville u jeħtieġ żmien sabiex jaġġusta għaċ-ċirkostanzi tax-xogħol ġodda tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 251A(1)(a), (b), (ċ) u (e) u 251H(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **omissis <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tqiegħed lill-akkużat omissis taħt Ordni ta' *Probation* għal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-akkużat, ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu ta' *probation* jew jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Illi a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' omissis u omissis, għal żmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-akkużat, fi kliem ordinarju, il-konsegwenzi maħsuba fl-Artikolu 382A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eventwalità li mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni tat-Trażżin.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**